# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 722/2015/VG**

**Alana Jane Camilleri**

**vs**

**Alfred Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-4 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn sitt mija sitta u tmenin euro [€2,686] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi, nhar it-18 ta' Dicembru 2013 twieled il-minuri Matthias Gatt minn relazzjoni li l-kontendenti kellhom barra miz-zwieg u, sussegwentement, u cjoe f'April tal-2014, l-istess kontendenti nfirdu;
>
> Illi minkejja li l-kontendenti ttantaw jaslu ghal ftehim bonarju dwar il-kura, l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-imsemmi

minuri, tali ftehim baqa qatt ma ntlahaq, tant illi l-istess kontendenti prezentement ghandhom kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Alana Jane Camilleri vs Alfred Gatt (10/2015);

Illi, permezz ta' digriet tat-28 ta' Novembru 2014 (Dok. A), il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-konvenut sabiex, pendente lite, jhallas lill-esponenti s-somma ta' mija u tmenin Ewro (€180.00) fix-xahar bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri, flimkien ma' nofs l-ispejjez medici u ta' edukazzjoni;

Illi, madanakollu, il-konvenut naqas milli jhallas sehemu mill-ispejjez medici tal-minuri kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li, sal-10 t' Awwissu 2015, jammontaw ghas-somma kumplessiva ta' tlett mija u sitta u sebghin Ewro (€376.00);

Illi, oltre minn hekk, il-konvenut ma hallas l-ebda manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri ghal xahrejn shah bejn April tal-2014 u Novembru tal-2014, ammontanti b'kollox ghal tlett mija u sittin Ewro (€360.00), liema somma ghandha tithallas mill-konvenut abbazi ta' gustizzja u ekwita billi, fl-istess imsemmi perjodu, l-esponenti xorta wahda inkorriet diversi spejjez ghall-bzonnijiet tal-istess minuri;

Illi, oltre minn hekk, il-kontendenti kienu, fil-mori tar-relazzjoni taghhom, xtraw televizjoni, f'sehem indaqs bejniethom, ghal prezz ta' hames mitt Ewro (€500.00), u billi l-imsemmi televizjoni inzamm mill-konvenut meta l-kontendenti nfirdu, l-istess konvenut ghandu jirrifondi lill-esponenti s-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00);

Illi, oltre minn hekk, il-konvenut zamm ghandu wkoll kamra tas-sodda, proprjeta tal-esponenti, u qieghed jirrifjutha li jirritornha,

liema kamra tas-sodda ghandha valur ta' elf u sebgha mitt Ewro (€1,700.00), liema somma wkoll ghandha tithallas lill-esponenti gjaladarba l-konvenut qieghed jirrifjuta li jirritorna din l-ghamara.

GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas, lill-esponenti s-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u sitta u tmenin Ewro (€2,686.00) jew kwalsiasi somma ohra verjuri li joghgbu jillikwida dan it-Tribunal, u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fil-11 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talba kontenuta fir-raba paragrafu tat-Talba qeghda tigi respinta peress illi l-konvenut dejjem hallas ghal nofs l-ispejjez medici kif ordnat mill-Qorti. Li ma hallasx l-esponenti kien ghal ricevuti dubjuzi u li setghu gew evitati.

2. Illi t-talba kontenuta fil-hames paragrafu tat-Talba qeghda tigi respinta peress li ma kien hemm ebda ordni tal-Qorti sabiex il-konvenut jaffettwa dan il-hlas. Minkejja dan il-konvenut dejjem mantna lil ibnu.

3. Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi respinta peress illi fl-ewwel lok ghandha tintalab id-divizjoni ta' l-assi. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-televizjoni ghandu valur ferm inqas illum il-gurnata.

4. Illi r-raba talba ghandha wkoll tigi respinta peress illi din il-kamra tas-sodda kienet inghatat lill-konvenut mill-attrici u fi

kwalunkwe kaz u bla pregudizzju jekk l-attrici ghandha xi pretensjoni din ghandha titlob ir-radd lura taghha u mhux nofs l-ammont taghha, u li anke l-valur taghha qieghed jigi kontestat.

5. Salv eccezzjonijiet ohra".

Ra l-verbal datat 11 ta' Novembru, 2015 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li bejniethom ghad hemm pendenti proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja.

Ra li fl-istess seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 it-Tribunal stieden lid-difensuri tal-partijiet sabiex jittrattaw il-kwistjoni tal-kompetenza tieghu f'dawn il-proceduri.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €2,686 rapprezentanti s-segwenti hlasijiet:

(i) €376 – sehemu mill-ispejjez medici tal-minuri kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sal-10 t' Awwissu 2015;

(ii) €360 – bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri bejn April, 2014 u Novembru, 2014;

(iii) €250 – bhala sehem ir-rikorrenti minn televizjoni li inxtara bejn il-partijiet u li inzamm mill-intimat;

(iv) €1,700 – somma flus dovuta mill-intimat lir-rikorrenti talli huwa baqa jzomm kamra tas-sodda proprjeta taghha u ma rritornahiex lura.

Ikkunsidra;

2. Is-sentenza tal-lum tirrigwarda l-kwistjoni tal-kompetenza tat-Tribunal li jiddeciedi l-materja ta' dan il-kaz in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-partijiet, fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015, fejn huma kienu qablu li bejniethom ghad hemm pendenti proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja (fol. 22).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi mhemmx dubju li t-Tribunal ghandu d-dmir li jissolleva *ex officio* eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu f'cirkostanzi fejn tali eccezzjoni ma titqanqalx mill-intimat. F'dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[1]*. Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[2] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[3]*.*

4. Mhux kontestat bejn il-partijiet li hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u fil-proceduri tal-medjazzjoni, qabel ma

---

[1] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[2] Vol. XXIX pII p468

[3] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

giet mibdija l-kawza quddiem dik il-Qorti, kien inghata digriet pendente lite fit-28 ta' Novembru, 2014 (fol. 14) fejn dik l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet, fost affarijiet ohra ordnat "*li pendente lite Alfred Gatt ihallas lil Alana Jane Camilleri bhala manteniment ghall-minuri Matthias l-ammonti u l-ispejjez indikati fl-abbozz tal-kuntratt ipprezentat f'dawn l-atti*" (fol. 15).

5. Kif diga inghad, dan id-digriet tat-28 ta' Novembru, 2014 inghata wara rikors pprezentat mir-rikorrenti odjerna fil-25 ta' Novembru, 2014 (fol. 3). L-intimat odjern ressaq ir-risposta tieghu fit-28 ta' Novembru, 2014 (fol. 6) ma liema risposta huwa annetta l-abbozz li issemma fid-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq citat. Ovvjament, dawn l-atti gew ipprezentati quddiem dik il-Qorti, l-ghaliex kienet hi li kellha l-kompetenza mehtiega sabiex tiddeciedi dawn il-materji.

6. Skont l-abbozz imsemmi jirrizulta li l-intimat odjern kien obbliga ruhhu li jhallas l-ammont ta' €180 kull xahar bil-quddiem bhala manteniment ghal minuri u l-partijiet kellhom jaqsmu b'mod ugwali bejniethom l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u ta' sahha tal-Minuri, kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji. Dawn huma l-ammonti u l-ispejjez li l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet ordnat lill-intimat odjern sabiex ihallas lir-rikorrenti odjerna.

7. L-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ukoll, fl-imsemmi digriet taghha tat-28 ta' Novembru, 2014 kienet ghalqet il-proceduri ta' medjazzjoni pendenti bejn il-partijiet u awtorizzathom jipprocedu b'kawza "*peress li ma hemmx prospett ragjonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw*" (fol. 15)

8. It-Tribunal ra ukoll li bejn il-partijiet kienet giet intavolata kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mir-rikorrenti odjerna fis-16 ta' Jannar, 2015 u li ggib l-ismijiet Alana Jane Camilleri vs Alfred Gatt (Rik. Mah. Nru. 10/2015/AL) u li din il-kawza ghadha pendenti.

9. It-Tribunal ra s-sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia** deciza fid-9 ta' Frar,

2005[4] u **Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008[5].

Ikkunsidra ulterjorment;

10. L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex l-intimat jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' €376 bhala sehemu mill-ispejjez medici tal-minuri a bazi tad-digriet pendente lite – cioe dak tat-28 ta' Novembru, 2014 – kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sal-10 t' Awwissu 2015. Fil-fehma tat-Tribunal, tali talba hija konnessa mal-kawza li ghad hemm pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk huwa tal-fehma li ma ghandux il-kompetenza mehtiega sabiex jiddetermina din il-kwistjoni, liema kwistjoni jekk xejn ghandha tigi ventilata u determinata minn dik il-Qorti.

11. It-tieni talba tar-rikorrenti kif postulata hija ghal hlas tas-somma ta' €360 bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri bejn April, 2014 u Novembru, 2014. Hawn it-Tribunal qieghed jifhem li dan l-ammont ta' flus ma huwiex qieghed jintalab a bazi tad-digriet pendente lite datat 28 ta' Novembru, 2014 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-ghaliex f'dak id-digriet ma hemm xejn imsemmi dwar arretrati ta' manteniment qabel dik id-data kif lanqas ma hemm xejn imsemmi f'dan ir-rigward fl-abbozz imressaq mill-intimat fir-risposta tieghu datata 28 ta' Novembru, 2014. Ghalkemm forsi l-kelma "manteniment" uzata mir-rikorrenti fit-Talba promotrici ma hijiex wahda felici ghal ahhar, it-Tribunal xorta wahda huwa tal-fehma li huwa ma ghandux il-kompetenza mehtiega sabiex jidhol f'din il-kwistjoni, liema materja, fil-fehma tieghu, hija ta' kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

12. Iz-zewg talbiet l-ohra tar-rikorrenti jirrigwardaw talba ghal hlas ta' l-ammont ta' €250 minghand l-intimat bhala sehmha minn televizjoni li inxtara bejn il-partijiet u li inzamm mill-intimat u talba ghal hlas ta' l-ammont ta' €1,700 minghand l-intimat bhala sehemha minn kamra tas-sodda, proprjeta taghha, u li l-intimat baqa ma rritornahiex lura lilha meta l-partijiet ma baqghux jirrisjedu flimkien. Dwar dawn iz-zewg talbiet it-

[4] 627/2003/1/PS;
[5] 57/2007/1/PS;

Tribunal huwa tal-fehma li ghandu l-kompetenza mehtiega sabiex jiddeciedi u jiddeterminahom.

Ghalhekk, it-Tribunal, filwaqt li jiddikjara li huwa ma ghandux il-kompetenza mehtiega sabiex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti ghar-rigward ta' l-ispejjez medici inkorsi mir-rikorrenti fir-rigward tal-minuri u l-arretrati ta' "manteniment" li hija qeghda titlob ghal perjodu bejn April u Novembru, 2014 u qieghed jirriservala d-dritt li tressaq tali pretensjonijiet quddiem il-Qorti kompetenti, qieghed jiddikjara li huwa kompetenti sabiex jiddeciedi dwar il-punti l-ohra imsemmija mir-rikorrenti fit-talba taghha u konsegwentement qieghed jiddiferixxi t-Talba ghal............. ta' Novembru, 2016 sabiex l-partijiet jressqu l-provi kollha li fadlilhom dwar l-istess.

In vista tan-natura tal-kaz, l-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**